MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 749/2004

**Anthony Schembri u Stephen Schembri
Vs
Lorraine Bonnici Drago**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fit-2 ta’ April, 2004 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallas is-somma ta’ Lm 400 (erba’a mitt lira Maltija) rappreżentanti danni konsegwenza ta’ nċident stradali li seħħ nhar it-2 ta’ Awissu, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Din hija istanza fejn l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni subiti minnhom u l-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas tad-danni hekk likwidati dovuti lilhom bħala konsegwenza ta’ inċident awtomobilistiku li ġara fit-2 ta’ Awissu, 2003, meta minn pożiżżjoni stazzjonarja ta’ double parking ġewwa Triq in-Naxxar, San Ġwann, il-konvenuta qabdet u saqet il-vettura numru JBE 051

mingħajr proper lookout bil-konsegwenza li ħabtet mal-vettura bin-numru DAT 614, propjeta' ta' l-attur Anthony Schembri u misjuqa mill-attur l-ieħor Stephen Schembri, li kienet għaddejja minn Triq in-Naxxar, għal liema nċident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Novembru, 2003 u dawk ta' l-ittra uffiċjali (b'notifika waħda) preżentata kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proċeduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax legali sa l-effettiv pagament.

Għall-fini ta' kompetenza, l-atturi jiddikjaraw li d-danni tagħhom ma jeċċedux l-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm 400).

Ra r-risposta fejn ingħad:-

Illi għall-inċident mertu ta' din l-istanza ma kinitx taħti l-konvenuta; kwindi m'għandha tħallas ebda ammont ta' danni lill-atturi.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni in eżami hija waħda rikorrenti fis-sens illi jiġu prodotti bħala xhieda x-xufiera biss mingħajr l-intervent ta' xi terza persuna okulari li kienet preżenti għall-istess inċident.

Il-verżjoni attrici hija totalment differenti minn dik konvenuta. Fis-sens li l-attur jallega illi waqt li kien qed jissorpassa l-vettura tal-konvenuta li f'dak il-mument kienet ipparkjata, dina qalgħet u laqtitu.

Da parti tagħha l-konvenuta tallega illi hija kienet miexja u mhux ipparkjata u l-attur ipprova jissorpassaha u minħabba vettura li kienet ġejja minn faċċata ġibed għal fuqha bil-konsegwenza li ħabat magħha u tefagħha fuq vettura ipparkjata.

Rinfaċċjat b'tali sitwazzjoni, it-Tribunal jissottometti illi ż-żewġ verżjonijiet huma t-tnejn possibbli imma mhux probabbli. Iż-żewġ verżjonijiet jistgħu ikunu verosimili għax il-mod kif spiċċaw il-vetturi u kif kien hemm id-daqqiet fuqhom huma kombaċjati mal-verżjonijiet mogħtija.

Din hija sitwazzjoni rikorrenti għal dan it-Tribunal illi għalkemm ikun jixtieq li jiddeċiedi fuq bażakwita dan ma jkunx possibbli għalih in vista ta' nuqqas ta' provi ulterjuri.

Jingħad li huwa l-oneru ta' min jallega li jrid jipprova l-każ tiegħu. F'dan il-kaz huwa l-attur. F'liema kaz dana ma rnexxilux jagħmel.

Jiddeċiedi billi jiċħad t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż għall-istess partijiet għandhom jibqgħu bla taxxa in vista taċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------